# DICKENS BHALA ATTUR

Ta' Nikol Biancardi

FTIT huma dawk il-kittieba kbar, ta' żmien il-qedem u tal-lum, li taw xogħlijiet lit-tijatru bla ma ippruvaw huma nfushom jitilgħu fuq il-palk ħalli jkunu jistgħu jiktbu aħjar il-produzzjonijiet tagħhom.

Il-kitba ta' biċċa xogħol għall-palk tinħtieġ sengħa oħra, aktar tqila, minn dik li wieħed jikteb biċċa xogħol biex tinqara biss.

Fost il-kittieba qodma li għamlu isem mhux ħażin bħala atturi, insibu lil Shakespeare u lil Dickens. Fost il-kittieba ta' żmenijietna nsibu lil St. John G. Ervine u lil Noel Coward; dan ta' l-aħħar jaf tajjeb lil Malta.

Il-lum fi ħsiebna niktbu kelmtejn fuq Charles Dickens bħala attur. Id-dinja taf lil Dickens bħala r-rumanzier kbir tas-Seklu Dsatax; bosta jafuh ukoll bħala l-Editur tad-"Daily News", tal-"Household Words" u tal-"All the Year Round"; oħrajn jafuh bħala l-qarrej imħeġġeġ ta' bċejjeċ mill-kotba tiegħu fuq palkijiet fit-toroq, bħala l-bniedem mimli ħila, ħeġġa u għerf; iżda ftit huma dawk li jafuh bħala attur.

Biex jitħarreġ fis-sengħa tal-palk, Dickens jistqarr li għamel snin sħaħ imur it-tijatru **kull fil-għaxija.** Ma' tul il-jiem huwa kien joqgħod jitħarreġ f'daru kif għandu jgħid il-kliem fuq il-palk meta jibda jirreċta; kif għandu jirtokka u jilbes; kif għandu jiċċaqlaq u ħwejjeġ oħra li jeħtieġ kull min irid isir attur tajjeb.

Tant ħass il-ġibda għall-palk tagħmel bih li darba Dickens kellu jmur jagħmel prova quddiem Mr. Bartley, il-magħruf *stage-manager* tal-Covent Garden Theatre. Kien attakk qawwi ta' newralġija li sfratta l-laqgħa bejn dawn it-tnejn minn nies hekk magħrufa.

Min jaf, kieku seħħet din il-laqgħa, id-dinja kenitx taqra r-rumanzi kbar ta' Dickens jew kenitx tisma' biss bil-ħila ta' Dickens bħala attur kbir? Bla dubju ta' xejn, id-dinja letterarja, il-lum, tbierek dak l-attakk li żamm lil Dickens fis-sodda, il-bogħod minn dak is-*stage-manager* tal-Covent Garden Theatre.

Kien wara x-xandir ta' "Pickwick" li Dickens, li kien ġa magħruf sewwa, reġa' wera l-ġibda tiegħu għall-palk billi kiteb

il-ħajja ta' Ġużeppi Grimaldi, il-buffun li ismu ma jmut qatt. Iżda l-ħeġġa li Dickens kellu għall-kitba għelbet u sebqet lil dik tat-tijatru sakemm huwa ħareġ għad-dawl lil "Oliver Twist". "Nicholas Nickleby" u "The Old Curiosity Shop". Minħabba l-kitba bla mistrieħ ta' dawn it-tliet rumanzi, Dickens ma kellux żmien x'jagħti lit-tijatru, iżda waqt żjara li kien għamel lil-Kanada, fl-1842, huwa reġa' wera l-imħabba tiegħu għall-palk billi mhux biss irreċta għal tliet darbiet, imma wkoll għamilha ta' *stage-manager*.

Fl-1847, f'reċta għall-karità, Dickens deher fil-parti ta' Captain Bobadil fil-kbira produzzjoni "Every Man in His Humour" ta' Ben Johnson. Ma' Dickens kienu ħadu sehem nies magħrufin ħafna fis-sengħa tal-palk u tal-kitba.

Fl-1851, Dickens kellu x-xorti jirreċta quddiem ir-Reġina Vittorja u quddiem il-Prinċep Albert, żewġha, waqt wirja ta' "Not so Bad as we Seem", li kienet saret b'riżq il-"Guild of Literature and Art" li għadu wieqaf sal-lum.

Dickens kien ġie mfaħħar ħafna wkoll bħala Justice Shallow fil-"The Merry Wives of Windsor" ta' Shakespeare.

F'farsa miktuba minnu, bl-isem ta' "Mr. Nightingale's Diary", Dickens deher f'ħames partijiet.

Jekk wieħed iqalleb il-ġurnali ta' dak iż-żmien isib, f'bosta minnhom, ħafna tifħir għal Dickens bħala attur.

Kull biċċa minn ħajjet Dickens turi l-ġibda kbira li kellu għat-tijatru u għal dawk kollha, kbar u żgħar, li jieħdu sehem fih, kif turi taqsima minn taħdita li hu għamel bħala 'chairman' f'egħluq l-ewwel sena tal-"Gendel Theatrical Fund", fis-6 ta' April 1846:

"Jeħtieġ" — huwa qal — "niftakru li m'hemmx klassi ta' atturi li jeħtieġu għajnuna ta' flus f'għamla ta' Fond ta' Rtir daqs dawk illi, għad li ma jagħmlux partijiet kbar, it-tijatru ma jistax jimxi mingħajrhom. Aħna ninsabu midjunin magħhom u jeħtieġ inħallsuhom b'xi ħaġa. Is-sodod ta' dawn in-nies m'humiex tal-ward, iżda, tabilħaqq, ta' fjuri bla fwieħa. Hajjiethom huma ħajjiet ta' tħassib, nuqqasijiet u taqbid mal-għawġ tal-ħajja. Wara li jkunu taw ħidmithom lill-palk, ħadd iżjed ma jisma' b'isimhom iżda tkun ħaġa xierqa li aħna nkunu nafu li huma jinsabu henjin fi xjuħithom. Meta huma ma jidhrux aktar fid-dawl u t-tlellix tal-palk, jeħtieġ li huma jqattgħu l-aħħar erbat ijiem ta' ħajjithom fil-ferħ u l-hena."